MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 188/2011

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk: illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta' Gunju 2010 u minn dan iz-zwieg ma kellhomx ulied ; illi dan iz-zwieg effettivament dam biss hames xhur peress li l-attrici bdiet is-separazzjoniji personali minn ma' zewgha f'Jannar 2011 ; illi l-partijiet illum separati legalment ; illi l-kunsens tal-intimat ghal dan iz-zwieg kien ivvizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija psikologika serja li ghamlitha mpossibbli ghalih illi jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ; illi l-kunsens tal-attrici inkiseb b'qerq dwar kwalitajiet tal-intimat illi fixklu serjament il-hajja matrimonjali ; illi ghalhekk iz-zwieg bejn

il-partijiet huwa null u invalidu skond il-ligi; ghalhekk qed titlob li dan iz-zwieg jigi ddikjarat, minn din il-Qorti, null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u tawtorizza illi l-istess sentenza tigi registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta; bl-ispejjez.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenuta li permezz taghha jiddikjara li hu jaqbel li z-zwieg bejnu u bejn l-attrici ghandu jigi dikjarat null u bla effett pero ghar-ragunijiet imputabbli lill-attrici ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluz l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

**L-Azzjoni**

Illi permezz tal-azzjoni odjerna l-attrici qieghda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg taghha kuntrattat mal-konvenut fid-28 ta' Gunju 2010 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet huwa vizzjat it-termini fit-termini tal-paragrafi [c]u [d] tal-artikolu 19[1] tal-Kap.16

**Il-Fatti**

Il-Qorti semghet iz-zewg partijiet jiddeponu.

Mill-provi rrizulta li l-partijiet zzewgu fid-28 ta' Gunju 2010, wara gherusija ta' circa tmien snin li matulhom huma kienu jghaddu hafna hin ghand omm l-attrici.

Il-hajja matrimonjali bejn il-partijiet ma kinitx wahda felici ghax mill-bidu nett kien beda jinqala' hafna nkwiet minhabba hbiberija ma' koppja ohra. Hames xhur wara z-zwieg l-attrici telqet mid-dar matrimonjali, u l-partijiet isseparaw legalment.

*Verzjoni attrici*

L-attrici tilmenta li l-konvenut *'sesswalment, fiz-zwieg qatt ma kien iffittixni kif kien fl-gherusija'*[1] Certa hbiberija u

[1] Folio 25

kunfidenza, tal-konvenut ma' mara akbar minnu sew, kienet idejjaqha hafna. Din il-mara kienet tkun dejjem hemm bejniethom, sa ghand it-tabib, u kienet thoss li ddeffes imnieherha f'kollox. L-attrici tghid li l-konvenut kellu relazzjoni ma' din il-mara.

*Verzjoni konvenut*
Minn naha l-ohra l-konvenut jallega li l-attrici *'riedet tizzewwigni biex tkun bhal shabha'* ; jghid li kellu hafna *pressure* minn ommha u ghalkemm l-attrici kienet wriet li kienet indeciza peress li kient sab xi messaggi xorta iddecieda li jizzewweg. *'Kont inhossni konfuz u mimli hsibijiet……..naf li kont ha nizzewweg ghax hi riedet tizzewweg….ma kienx hemm intimita……...kienet tghidli li riedet tizzewweg biex tehles minn ommha.'* [2]

Skont il-konvenut, il-honeymoon u sa l-ewwel tlett xhur wara z-zwieg kollox kien normali, imma umbaghad *'l-attrici bdiet tinbidel minn lejl ghan-nar'*.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Illi l-Qorti tosserva li dan iz-zwieg kien *non-starter*, u falla mill-bidunett tieghu peress li l-partijiet m'gharfux isolvu bejniethom il-problemi li tfaccjaw wara z-zwieg ; u izjed minn hekk, ma apprezzawx l-import tal-hajja konjugali flimkien, u kienu nkapaci jghixu l-hajja konjugali. Il-konvenut jghid li : *« lanqas qatt ma ghexna ta' mizzewgin jew habbejna lil xulxin bhala mizzewgin. »* Ma kien hemm l-ebda bidu ta' relazzjoni konjugali interpersonali kif jitlob iz-zwieg.

F' dan il-kaz, il-Qorti tirravviza fil-konfront taz-zewg partijiet il-*caput nullitatis* kontemplat fl-ewwel parti tal-paragrafu (d) ta' l-artikolu precitat stante li huma dahhlu f'dan iz-zwieg minghajr ma kienu fehemu l-import tal-hajja konjugali, u biex issolvu l-problema ta' l-indhil tal-familjari, bir-rizultat li mal-konvivenza dawn skoprew li huma ma kienux kapaci, mhux biss li jassumu l-obbligi tal-konvivenza diretta lejn il-benessere reciproka, il-

[2] Folio 42

prokreazzjoni u t-trobbija tat-tfal, izda li ma setghux lanqas jghixu taht saqaf wiehed – u dan mill-bidunett taz-zwieg.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet ta' l-attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt, u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tal-attur ; u tiddikjara null u bla effett fil-ligi z-zwieg kuntrattat bejn il-partijiet fil 28 ta' Gunju 2010.

Spejjez bla taxxa.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------